

# Il-Beatu Ġorġ Preca u t-tagħlim Nisrani

Fi tmiem is-Seklu 19 u l-bidu tas-Seklu 20 kien hemm ftit tagħlim, u n-nuqqas kien jinħass. Il-poplu kien twajjeb, ħafna kienu jmorru l-quddies filgħodu jew jieħdu l-barka sagramentali fil-għaxija iżda mill-bqija ftit kien jimpurtahom biex jitgħallmu r-reliġjon.

Il-ftit katekiżmu ma kienx ta' livell mixtieq għax kien imħolli f'idejn is-sagristan jew xi mara twajba jekk mhux f'idejn l-abbatini. Kienu huma stess mingħajr formazzjoni soda.

Darba waqt lezzjoni tal-katekiżmu, li kien qiegħed imexxi s-sagristan, tifel għolla jdejh u staqsa: "Alla min għamlu?" Is-sagristan, bla qagħad joqgħod jaħsibha darbtejn wieġbu: "Alla sar waħdu!"



Party organizzat għat-tfal subien u bniet li għamlu l-ewwel tqarbina fis-sala taċ-ċentru parrokkjali - 6 ta' Lulju 2003

Kienet ereżija! Kien żball ta' sagristan, li permezz tiegħu Dun Ġorġ Preca ra l-bżonn li l-poplu jitgħallem.

Għal Dun Ġorġ, it-tagħlim nisrani kien l-iskop ta' ħajtu, għalhekk biss kien iħoss li qiegħed jeżisti fid-dinja. Dan għaliex kif jgħid ***"Min iħobb lil Alla ma jkunx kuntent li jħobbu waħdu!"***

Kien miġnun wara t-tagħlim. Iqum jew jorqod, moħħu kien il-ħin kollu jtambar fuq kif se jwassal it-tagħlim tal-fidi liż-żgħar u lill-kbar, kemm f'Malta u (aktar tard) barra minn pajjiżna. It-tagħlim kien ħajtu.

Kien għalhekk li fis-7 ta' Marzu 1907, il-Beatu Ġorġ Preca fetaħ l-ewwel dar tat-tagħlm ġewwa l-Ħamrun. Dakinhar, lil dawk prezenti f'din id-dar, Dun Ġorġ qalilhom: ***"Xerrdu ma' kullimkien, bil-kelma u bl-eżempju, d-dawl tad-duttrina tas-saħħa, u intom għad tiddu bħal kwiekeb."***

***U int li qiegħed taqra...***

Kemm int lest / lesta, bħala ġenitur, li tieħu interess fit-tagħlim tal-katekiżmu li jieħdu t-tfal tiegħek? Tgħid inti wieħed / waħda minn dawk li tinsisti tant għat-tagħlim akkademiku tat-tfal tiegħek, bil-konsegwenza li tinsa' t-tagħlim kateketiku?

U meta r-Rettur, flimkien mal-katekisti, jsejħulek sabiex tattendi xi laqgħa, iġġibha xejn bi kbira? Tkun xejn ħafif / ħafifa li ġġib xi skuża?

U wara l-Griżma, uliedek ikunu fost dawk, li ma jibqgħux jattendu għat-tagħlim għax issa jafu biżżejjed?!?

Tfittex int ukoll li tkun għalliem / għalliema kemm bil-kelma kif ukoll bl-eżempju?

---

Mela ejjew flimkien, ġenituri u katekisti, ngħinu lil xulxin biex lil dawn uliedna noffrulhom ambjent nadif u sabiħ fejn fih jaraw wiċċ il-Mulej Ġesu' jitbissmilhom.

Ġesu' hemm ikun fil-klassijiet tagħna... Ikun qiegħed jistenna li jiltaqa' ma' wliedek... Ġesu' se jżomm l-appuntament tiegħu anke wara l-Griżma... Uliedek se jagħmlu l-istess?

Il-Paċi magħkom<br>Vincent Bartolo<br>Superjur